# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1545

Kaz Nru.1481

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Marlene Farrugia
u
Rags Shirting
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 7 ta' Ottubru 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata t-30 ta' Ottubru 2000 Referenza : MSP/TI/71/2000 sabiex dan il-kaz jigi pprocessat skond Artiklu 28 (2) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sinjura Marlene Farrugia assistita mill-Avukat Michael Tanti Dougall LL.D aktar 'l quddiem tissejjah l-appellanti.

Ghas-socjeta deher is-Sur Mario Farrugia assistit mill-Avukata Roselyn Borg LL.D aktar 'l quddiem jissejjah is-socjeta.

It-Tribunal zamm tmintax-il (18) seduta.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellanti hadmet sitt (6) snin mas-socjeta bhala *machine operator*. Tghid illi l-propjetarju tas-socjeta is-Sur Mario Farrugia dejjem zammha bhala persuna "trustworthy" u "diligent" u li taghmel xogholha minghajr il-bzonn ta' ebda supervizjoni.

Ix-xoghol taghha kien primarjament jikkonsisti fi gbid ta' drapp u qtuh bl-inqass flimkien ma' uzu ta' pressa, xoghol konness mall-manifattura ta' l-ghenuq tal-qomos.

L-appellanti kienet bdiet tkun mugughha u t-tabib personali taghha rreferiha mal-ewwel ghat-terapija; kienet thoss li idha l-leminija kienet tittarrax u anke kienet tiggamja. It-tabib tas-socjeta ordnalha tiehu gimgha *sick leave* peress li sabha b'hafna ugieh.

Meta rritornat lura ghax-xoghol fil-ghodu talbet lis-Sur Mario Farrugia biex jaghtiha permess tattendi t-terapija; is-Sur Farrugia beda igorr. Matul il-hin ta' fil-ghodu ghal xi l-ghaxra u nofs tant kienet mugugha illi tkellmet ma' sehbitha Josianne Vassallo u qaltilha li ma setghetx tissaporti bl'ugieh pero bezghet titlob lis-Sur Mario Farrugia biex jibghatha d-dar. Wara l-hin tax-xoghol baqghet sejra dritt ghand it-tabib Zammit Montebello. Dan irreferiha ghand il-Profs. Zammit Maempel, fl-istess hin ordnalha timla l-karta ta' l-*injury* ghaliex gharrafha li kellha *injury* li jiehu fit-tul u dan konsegwenza tat-tip ta' xoghol li kienet ordnata taghmel mill-principal taghha. Il-formola l-NI 30 hadha r-ragel taghha Stephen Farrugia ghand is-Sur Mario Farrugia u talbu biex jiffirmha. Is-Sur Farrugia la mela l-formola u l-anqas iffirmha ghax qal li ma riedx jidhol fl-inkwiet. Malli s-Sur Farrugia ra hekk informa lill-appellanti illi kien se jitterminalha l-impieg taghha minhabba li ma kinitx tajba ghax-xoghol. Huwa fil-fatt baghat il-formola ta' ETC u bhala raguni kiteb "Term on Medical Grounds".

Il-konjugi Farrugia marru s-*Social Services Department* jistaqsu ghad-drittijiet taghhom. Gew infurmati illi jew l-imghallem jew pulizija jrid jiffirma l-formola. Stephen Farrugia rega mar ghand is-Sur Farrugia biex jiffermalu l-formola u dan xorta ma iffermahix minhabba l-biza' illi jigi fl-inkwiet. Stephen Farrugia ma kellux alternattiva ohra hlief li jmur l-Ghassa ta' Haz-Zebbug biex jaghmel rapport u l-NI 30 giet iffirmata mill-pulizija li kellu n-numru 160.

Is-socjeta fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi l-vertenza kif impostata mill-appellanti ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi fis-17 ta' Lulju 2000 l-appellanti rrapurtat ghax-xoghol u l-produzzjoni taghha kienet anqas minn dik solita taghha. Fit-18 ta' Lulju giet invistata mit-tabib tas-socjeta u giet iccertifikata li kellha ugieh fi spallitha. Dr. Sciberras awtorizzha tiehu erba' tijiem *sick leave*. Zewg l-appellanti gab certifikat privat mahrug minn Dr. Carmen Sammut li ukoll indikat li qed tbati minn ugieh fl-ispalla u wkoll ipproponiet l-istess ammont ta' *sick leave*; it-Tnejn 24 ta' Lulju l-appellanti irrapurtat ghax-xoghol u telqet ma' shaba fl-4.15 pm.; it-Tlieta 25 ta' Lulju l-appellanti regghet harget bis-*sick leave*. Zewgha gab certifikat li kellu l-firma m'hux legibbli li kien jindika li martu kienet qed tbati minn *Cervical Neuralgia*. L-appellanti kellha appuntament l-isptar. Minhabba illi l-appellanti baqghet ma tiflahx is-Sur Mario Farrugia ssugerixxa lir-ragel taghha li tiehu s-*sick leave* kollu li kellha u tirtira mill-impieg sakemm terga tiehu sahhitha. Is-Sur Farrugia minghajr ma wiehed xejn qal li kien lest li jaghmel l-almu tieghu biex jerga jimpjegha hekk kif tkun fieqet.

Illi jirrizulta li minkejja li kienet qedgha fuq *sick leave* l-appellanti kienet qed tohrog. Is-sid tas-socjeta flimkien ma' l-appellanti ftehmu ghad-data tat-temm ta' l-impieg tat-13 ta' Awissu 2000. Dan prattikament kien ftehim ta' rizenja. Zewg l-appellanti gabar l-ammonti kollha dovuti lilha u l-karti tat-temm ta' l-impieg li dawn il-partijiet kienu ftehmu. Zewg l-appellanti wiehed li kellu jgib il-firma ta' martu fi ftit minuti; minkejja dan hu ma rritornax. Ic-*cheque* moghti lill-appellanti gie msarraf minnha. Zewg l-appellanti baqa' jmur jitlob lil sid is-socjeta s-Sur Mario Farrugia jiffirma l-formola NI 30 li huwa *injury report* fuq ix-xoghol. Is-Sur Mario Farrugia irrifjuta propju ghaliex ma kien hemm ebda korriment fuq ix-xoghol. L-appellanti fl-ebda waqt fuq ix-xoghol ma korriet jew ghamlet rapport dwar dan.

Zewg l-appellanti baqa jippersisti mas-socjeta illi l-appellanti korriet fuq ix-xoghol. Fit-22 ta' Awissu kien rega mar ghand is-sid tas-socjeta b'certifikat tat-Tabib John Zammit Montebello u l-*injury report* NI 30 iffirmatha mis-surgent tal-Pulizija 160 M. Mifsud. Is-socjeta baqghet tichad li kien hemm korriment waqt il-hin tax-xoghol. Is-socjeta tghid illi fil-fatt l-appellanti rrizenjat minn jeddha u minghajr ebda pressjoni. Ma kien hemm ebda tkeccija u ghalhekk izjed u izjed jinghad illi dan m'huwiex kaz tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

**Xhieda**

Xhedu s-segwenti Sinjuri: Mario Farrugia, Propjetarju tas-socjeta*;* Michelle Xuereb, eks-impjegata*;* Marlene Farrugia. l-Appellanti; Stephen Farrugia, ir-ragel ta' l-appellanti*;* Ivan Spiteri Lucas, *Executive Officer* Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg*;* Anton Cesare, *Assistant Principal* mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali*;* it-tabib John Zammit Montebello u l-Professur Frederick Zammit Maempel, *Konsulent.*

Is-Sur Mario Farrugia, propjetarju tas-socjeta, xehed illi fis-17 ta' Lulju 2000 l-appellanti dahlet ghax-xoghol normali. Ix-xoghol tas-socjeta hu li jaghmlu l-qomos ghal-uniformijiet ta' l-iskola. L-appellanti kienet responsabbli li tibda l-*collar* sa ma jkun lest biex tiehdu mpjegata ohra u twahhlu mal-qmis. Kienet ilha taghmel dan ix-xoghol tliet snin. Fit-18 ta' Lulju 2000 ir-ragel taghha cempel lill-propjetarju u qallu li l-appellanti ma tiflahx. It-tabib privat taghha Dr. Carmen Sammut iccertifikatha li qed tbati minn "shoulder pain".

Fil-25 ta' Lulju ir-ragel ta' l-appellanti gab certifikat iehor li kien jghid li l-appellanti qed tbati minn "cervical neuro..." ix-xhud qal li hu ried ikun jaf kemm sejra ddum bis-*sick* peress li kien wasal Awissu u jkun irid jaghmel ix-*shut down*. Qal li gol-fabrika zghjra meta tonqoslok wahda li jkollha xoghol importanti tisfratta s-sistema kollha; qal li kien cempillha u ftehmu li tispicca mix-xoghol taghha fit-13 ta' Awissu, wara li tkun diga hadet is-*sick leave* kollu. Sostna li huwa ma keccijhiex mix-xoghol. Fit-28 ta' Awissu ta *cheque* b'dak kollu li kien dovut lilha u ghamel

"breakdown" ta' kollox u tah lir-ragel ta' l-appellanti. Ic-*cheque* issarraf fit-30 ta' Awissu 2000.

Mistoqsi mid-difensur tieghu jekk qatt wegghet fuq il-post tax-xoghol, is-Sur Mario Farrugia qal, "le qatt ma wegghet fuq il-post tax-xoghol" "L-NI 30 qed tghid li wegghet on the 18 July; meta on the18 July Mrs Farrugia kienet bis-*sick leave* diga." Qal ukoll illi r-ragel taghha beda jigri warajh biex jiffirma l-formola ta' l-*injury* halli tkun tista' tiehu xi haga tal-beneficcju izda hu, ix-xhud, sostna li l-appellanti spiccat minn mieghu fuq "medical grounds", certifikati li gabet hi stess.

Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellanti jekk l-appellanti kinitx taghmel xoghol iehor barra minn dak normali taghha tal-*collars*, is-Sur Mario Farrugia qal li billi l-fabrika hi zghira kullhadd jaghmel kollox inkluz hu, jnaddfu, jghabbu il-kaxxi bil-qomos lesti li jkunu ta' tminja u anki jgorru l-pezez. Mistoqsi jekk bghatx it-tabib tas-socjeta, irrisponda li l-ghada li rrapurtat *sick* kien bghat lil Dr. Brincat M.D. u kien ghamillu nota li l-appellanti qed tbati b' "stress shoulder pain"

Is-Sinjura Michelle Xuereb, *eks-impjegata tas-socjeta,* qalet fix-xhieda taghha li kienet impjegata tas-socjeta darbtejn, l-ewwel darba kienet telqet mill-impieg u t-tieni darba kienet spiccat mill-impieg minhabba li kien naqas ix-xoghol. Spjegat illi x-xoghol taghha kien jirrigwarda l-accetti, buttuni u moghdija. Kienet flimkien ma' l-impjegati l-ohra meta kien jigi l-vann bil-pezez u l-principal kien jghidilhom biex imorru jhottu l-pezez. Darba waqt li kienu jhottu l-pezez l-appellanti hadet skoss f'idejha u s-Sinjura Xuereb qaltilha biex tmur tghid lill-principal ghax mhux ser terfa l-pezez wahida peress li kienu jerfawhom zewg impjegati ghax kienu tqal. L-appellanti qalet lill-principal b'li gralha u baghat impjegata ohra tghinha. Qalet li kienet flimkien ma shaba jghamlu xoghol ta' tindif. Fuq mistoqsija dwar kif kien jitratta maghha l-principal qalet li xi m'daqqiet kien jiksirha quddiem kullhadd tant li m'hux l-ewwel darba li kienet tibki ghax kien jiddispjacija minhabba li ma kienx ikun jisthoqqilha hekk wara x-xoghol li kienet taghmel. Qalet illi kull meta kellha bzonn tiehu *leave* ghaliex kellha t-tifla marida anki meta haditha barra, l-principal dejjem kien koperattiv u wera ghajnuna maghha anki fil-finanzi.

L-appellanti xehedet illi l-imghallem kien qabbadhom ihottu l-vann mghobbu bil-pezez bhas-soltu. Appena bdew jhottu hija hadet skoss f'ghonqha meta kienet qed terfa ma' Michelle Xuereb u qaltilha li hadet skoss u kienet mugugha. Marret tkellhem lill-principal u beda igerger u rega baghatha f'posta. Marret lura f'posta u minn dakinhar 'l hawn dejjem darha jugghaha, ideja jordulha u iljieli ma torqodx. Mistoqsijha kemm kienet ilha fl-impieg qabel ma hadet dan l-iskoss u jekk kinitx terfa qabel irrispondiet li kienet ilha sitt snin; Kull meta kienu jigu l-pezez dejjem kienet tmur terfa imma qatt ma hasset xejn u qatt ma kienet tbati b'darha. Kienet spjegat lill-principal bl-ugieh li kellha u qallha ibqa' ejja ghax-xoghol u jekk ikollok bzonn l-ghajnuna xi hadd jghinek. Baqghet tmur ghax-xoghol izda wara xahar u nofs tant baqghet mugugha illi mix-xoghol marret dritt ghand it-tabiba fejn din kitbitilha erbat ijiem *sick,* baghtitha ghat-terapija il-Poliklinika ghax kellha l-*muscles* ta' darha kollha ebsin.

L-appellanti qalet li meta dahlet ghax-xoghol kelmet lill-principal is-Sur Mario Farrugia u appena wrietu l-biljett tat-terapja qabad jghajjat, ramilha l-biljett u qallha, "itlaq f'postok m'ghandix xi nghidlek aktar" Minhabba li kienet mugugha hafna appena spiccat mix-xoghol ir-ragel taghha hadha ghand it-tabib u ghamillha certifikat "open", mar tahulu fuq ix-xoghol. Minn dakinhar ma marritx ghax-xoghol u baqghet taghmel ic-certifikati. It-tabib ghamillha l-formula ta' l-*injury* u r-ragel hada ghand l-imghallem. Meta r-ragel ta' l-appellanti mar bic-certifikati il-gimgha ta' wara, is-Sur Mario Farrugia qallu, "c-certifikat ma ghandix x'nambih u l-anqas il-formola ta' l-*injury* u taghomlu lura". Minhabba li rrifjuta li jiffirma l-formola ta' l-*injury* l-appellanti cemplet lis-*Social Services* qaltilhom bil-problema u qalulha biex tmur l-Ghassa. Marret l-Ghassa ta' Haz-Zebbug u l-Pulizija iffirmalha l-formola.

Is-Sur Stephen Farrugia, ir-ragel ta' l-appellanti, bil-gurament xehed illi darba kif harget mix-xoghol tant kienet mugugha li baqghu sejrin ghand it-tabiba Carmen Sammut; din invistatha u qaltilha ghandek il-*muscles* iebsin bix- xoghol u ghamlitilha certifikat ghal erba' tijiem u ordnatilha biex tmur ghall-*Physiotherapy*, il-Poliklinik Hal-Qormi. Qal ukoll illi meta mar bil-formola ta' l-*injury* ghand is-Sur Mario Farrugia dan zammha u qallu biex ikompli jghamel ic-certifikati. Meta l-gimgha ta' wara mar bic-certifikat qallu biex il-formola ta' l-*injury* jzommha u tah lura c-certifkiat tal-gimgha ta' qabel. L-appellanti marret ma zewgha s-Social

Services u hemm qalulhom biex imorru bil-formola ta' l-*injury* ghand il-Pulizija. Wara marru bil-formola iffirmata mit-tabib u l-Pulizija l-*Labour Office* u kellmu lis-Sur Ivan Spiteri Lucas. Saru l-kuntatti mas-Sur Mario Farrugia u rrizulta li ma riedx jirranga xejn. Is-Sur Spiteri Lucas qallhom biex immorru t-Tribunal Industrijali.

Is-Sur Ivan Spiteri Lucas, *Executive Officer* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg, xehed illi ilu tlettax il-sena fl-*Enforcement Section*. Kienet marret l-appellanti u qaltlu li kellha *injury* ghax kienet wegghet meta kienet tahdem ma' Rags Shirting. Qaltlu li s-Sur Mario Farrugia ma accettahiex bhala *injury* u ma riedx jimla l-NI 30 ta' l-*injury*. Is-Sur Spiteri Lucas qal ukoll illi ta parir lill-appellanti illi jekk hi thoss li tkecciet ingustament tpoggi l-kaz quddiem it-Tribunal Industrjali. Fuq domanda tad-difensur tas-socjeta x-xhud qal illi l-appellanti qalet li l-kaz hu ta' "Repetitive Strain Injury"; mistoqsi ukoll jekk *Repetitive Strain Injury* tapplikax xorta l-procedura normali bhala *injury on duty*, ix-xhud qal, "yes, mela, normali"; spiega fid-dettal kif tahdem il-procedura meta l-NI 30 ma tigix iffirmata mill-Principal.

Is-Sur Anton Cesare, *Assistant Principal,* Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xehed illi fl-applikazzjoni ghall-beneficcju tal-korriment l-appellanti tghid illi d-data tad-disgrazzja kienet it-18 ta' Lulju 2000, applikat fit-12 ta' Awissu 2000. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta dwar il-procedura ta' kif issir l-applikazzjoni ta' l-NI 30, ix-xhud qal li din trid issir fi zmien ghaxart ijiem.wara l-incident. Qal illi jekk ikun hemm raguni valida tigi accettata l-applikazzjoni; tidher quddiem Bord tat-Tobba. Wara sena *injury benefit* il-*claim* tigi *converted* ghal *sickness benefit;* l-appellanti baqghet ghaddejja bis-*sickness benefit*.

It-tabib Dr. John Montebello xehed billi kkonferma l-kopji tac-certifikati li kien kiteb hu fis-sena 2000. Qal li l-appellanti tbati b'"*Cervical Neuralgia* jigifieri C5, *C6 neuro tension discopathy*." Kien raha f'Lulju 2000 u f'Awissu 2000 peress li dawn is-sintomi baqghu kien irreferijha St. Lukes' Hospital ghal aktar investigazzjonijiet minhabba l-ugieh f'ghonqha. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta jekk ir-*Repetitive Strain Injury* jistghax kien qabel ix-xhud qal, "li nista' nghid li l-pazjenta qabel Lulju tal-2000 qatt ma prezentatli *complaint* relatat ma' ghonqha jew ma idejha". Qal li kien ilu jafha minn qabel u qatt ma pprezentat *complaints* ta' dan it-tip. Qal ukoll li hu iffirma l-NI 30 ta' l-*injury*.

Profs. Frederick Zammit Maempel, Kunsulent, xehed illi l-appellanti ppresentat ruha fid-29 ta' Settembru 2000; kienet tat storja konsistenti ma' *right-brachial-neuralgia*, giet ittratrata ghall-ugieh li kellha, sarilha ezami kliniku. Dehrlu li l-appellanti kienet ghadha m'hiex tajba ghax-xoghol ghax il-kura tiehu fit-tul. Meta mistoqsi x-xhud qal li dan il-kaz hafna drabi jigi bi skoss; huwa ma setax jghid jekk haditx l-iskoss qabel.

**Trattazzjoni Finali**

L-appellanti tghid illi fl-ittra lill-Onorevoli Ministru ghal-Politka Socjali datata t-23 ta' Ottubru 2000 talbet illi l-kaz jigi ddikjarat bhala wiehed ta' tkeccija ngusta. Kienet ilha sitt snin mas-socjeta tahdem bhala "machine operator"; kienet dejjem deskritta mill-principal is-Sur Mario Farrugia bhala, "a trustworthy and diligent person" kif imnizzel fl-ittra datata l-11 ta' Awissu 2000.

Fis-sajf tas-sena 2000 kienet ordnata mill-principal taghha biex tqandel u ggor pezez kbar ta' materjal u li b'konsegwenza t'hekk hija hadet skoss. Rizultat dirett ta' l-imsemmi incident l-appellanti sofriet griehi ta' natura gravi tant li kellha ttabbab hafna, kellha tiehu kura u terapija biex tmewwet l-ugieh li hija soffriet.

Matul is-sajf tas-sena 2000 l-appellanti riceviet dokument fejn giet infurmata li kien itterminat l-impieg taghha u l-unika raguni li nghatat kienet "on medical grounds".

L-appellanti wegghet fuq il-post tax-xoghol kif jidher car minn diversi certifkati medici ezebiti u mmarkati bhala "Dok A sa Dok J".

Meta l-appellanti kienet bdiet thott pezza flimkien ma' impjegata ohra tas-socjeta certu Michelle Xuereb hadet skoss. Meta Michelle Xuereb semghetha tghid li hadet skoss issugeritilha tinforma lis-Sur Mario Farrugia. Meta infurmatu bl-iskoss li hadet u l-ugieh li kellha, appena sema' dan is-Sur Farrugia beda igerger b'lehen gholi, akkuzaha b'skuza. Is-Sur Farrugia insista li kellha tkompli xogholha.

Mill-gurnata ta' l-incident is-sahha fizika ta' l-appellanti baqghet sejra lura fis-sens li l-ugieh baqa' dejjem jizdied u ikkawzalha dizabilita ta' hamsa fil-mijja (5%) skond l-ezami mizmum mill-Bord Mediku.

Dakinhar li ma felhitx tahdem bl-ugieh ir-ragel ha lill-martu (l-appellanti) direttament ghand it-tabiba Dr. Carmen Sammut fejn din ghamlitilha certifikat ta' erba' tijiem "sick" u baghtitha ghat-terapija l-poliklinik. Minhabba li l-ugieh kompla aktar jiggrava marret ghand it-tabib Dr. John Montebello fejn ghamillha certifikat "open". Wara tliet gimghat it-tabib irreferiha ghand Professur l-Isptar San Luqa fejn sarulha diversi ezamijiet.

Is-socjeta tghid illi kif diga msemmi fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-vertenza kif imposta mill-appellanti ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ma kien hemm ebda tkeccija ghax l-appellanti rrezenjat minn jeddha u minghajr ebda pressjoni.

L-enfasi tal-kawza dar fuq l-allegat *injury* ta' l-appellanti. F'kaz ta' dan it-tip wiehed irid jara l-istampa kollha jekk verament kienx hemm *injury*. Il-principal tas-socjeta s-Sur Mario Farrugia xehed li "ma kienx hemm *injury* fuq ix-xoghol" u qal ukoll "jiena ma mmurx barra l-parametri tieghi." Ir-ragel ta' l-appellanti is-Sur Stephen Farrugia qal lill-principal "jekk inti tahseb fiha, jiena nahseb fik." Dan it-tip ta' abbuz il-principal ma riedx jifforma parti minnu. Is-Sur Farrugia ma iffirmax l-NI 30 bir-risponsabilta kollha ghax hu ma setax jiffirma dwar xi haga li l-appellanti allegat li grat; isostni li ma kien hemm ebda provi sostanzjali.

Is-socjeta issostni li kien hemm konflit bejn ix-xhieda dwar l-allegat kaz ta' ugieh. Skond ix-xhieda ta' Michelle Xuereb l-appellanti qaltilha "hadt skoss f'idi." Is-Sur Ivan Spiteri, *Executive* Officer fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali *u Impieg* xehed li l-appellanti qalet "li kellha xi haga minn ghonqha" u qal ukoll "she said it was an RSI, Repetitive Strain Injury."

Is-socjeta qalet illi t-tobba kienu qalu meta xehedu illi huma qaghdu fuq dak li qaltilhom l-appellanti u ma dahlux fil-mertu ta' kif u meta wegghet.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellanti kienet ilha tahdem mas-socjeta ghal sitt snin bhala *machine operator.* Fil-11 ta' Awissu 2000 l-appellanti irceviet ittra mis-socjeta iffirmata mis-Sur Mario Farrugia fejn giet avzata illi l-impieg taghha gie tterminat fuq ragunijiet medici (medical reasons). L-ETC kitbu lill-appellanti fis-06/09/2000 fejn infurmawha illi rcevew il-formola tat-tmien ta' l-impieg taghha minghand is-socjeta liema formola ggib id-data ta' tmiem ta' l-impieg 13/08/2000. Ir-raguni tat-terminazzjoni hi, "Term on medical grounds"

L-appellanti tghid li kienet ilha sitt snin tahdem mas-socjeta fejn dejjem kienet imfahhra ghax-xoghol u l-manjieri taghha. Wara dan il-perjodu ta' sitt snin tahdem mas-socjeta gara illi meta fit-18 ta' Lulju 2000 l-imghallem qabbadhom ihottu l-pezez mill-vann hadet skoss f'ghonqa meta kienet qed terfa flimkien ma' Michelle Xuereb. Dak il-hin qalet lil Michelle Xuereb bl'ugieh li qabadha u qaltilha biex tmur tghid lill-principal. Meta qalet lill-principal b'li gralha hadha bl'herra u qallha biex tmur tkompli fuq xogholha. L-ugieh kompla izid, darha jugahha gieli idejha jorqdulha u kienet taghmel iljieli ma torqodx. Dan ix-xoghol tal-garr tal-pezez ma kienx l-ewwel darba li ghamlitu, dejjem hadet parti fil-hatt tal-pezez kemm kienet ilha mas-socjeta. Baqghet tmur ghax-xoghol izda kellha tmur ghand it-tabiba Dr. Carmen Sammut. Ghamlitilha certifikat ghal erba' tijiem u bhatitha l-poliklinik ghat-terapija. Wara li ghamlet ftit zmien tmur ghax-xoghol mugugha kienet kostretta li tmur ghand it-tabib Dr. John Montebello li kien ghamillha certifikat "open"; wara rreferiha l-Isptar San Luqa ghand il-Professur Frederick Zammit Maempel fejn sarulha diversi ezamijiet medici.

Is-socjeta tghid illi kif imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-vertenza kif imposta mill-appellanti ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ma kien hemm ebda tkeccija ghax l-appellanti irrizenjat minn jedda u ma kien hemm l-ebda pressjoni.

Dan il-kaz hu bbazat dwar raguni ta' terminazzjoni ta' impieg fuq "medical grounds"; il-kaz baziku hu li l-appellanti wara sitt snin tahdem mas-socjeta taghmel dak ix-xoghol kollu li tkun imqabbda bhal garr ta' pezez mill-vann ghal gol-fabrika b'zieda max-xoghol propju taghha ta' *machine operator.* Darba fis-sajf tas-sena

2000 waqt li kienet qed igorr il-pezez flimkien ma' Michelle Xuereb hadet skoss li kellha sahansitra tkellhem lill-principal is-Sur Mario Farrugia. Is-Sur Farrugia ma accettax il-kaz taghha u kellha tkompli tahdem bl-ugieh. Minhabba l-ugieh li kellha marret ghand it-tabiba Dr. Carmen Sammut u din ghamlitilha certifikat ghal erba tijiem u ordnatilha t-terapija.

Is-socjeta bghatet it-tabib taghha Dr.Brincat. Dan ukoll ghamillha cerifikat ghal erba' tijiem u ghamel nota lill-principal li l-appellanti qed tbghati minn "shoulder pain". Meta marret ghax-xoghol u qalet lis-Sur Farrugia li trid tmur il-poliklinik ghat-terapija, is-Sur Farrugia xejn ma kien koperattiv maghha. Ghalkemm baqghet tmur ghax-xoghol l-ugieh ippersista tant li htiegilha tmur ghamd it-tabib Dr. John Montebello. Wara li ezaminha irreferijha ghand il-Professur Frederick Zammit Maempel. L-appellanti peress li kellha certifikat "open" ma marritx ghax-xoghol. Is-Sur Farrugia qal li kien cempillha d-dar u ftehmu li tispicca mix-xoghol taghha fit-13 ta' Awissu 2000 wara li tkun hadet is-*sick leave* kollu. Fit-28 ta' Awissu 2000 ghamillha *cheque* bl-ammont ta' dak kollu li kien dovut lilha u ghamillha *breakdown* ta' kollox. ghadda dan ic-*cheque* lir-ragel ta' l-appellanti is-Sur Stephen Farrugia. Ic-*cheque* issarraf fit-30 ta' Awissu 2000. Ir-ragel ta' l-appellanti mar ghand is-Sur Mario Farrugia bil-formola ta' l-*injury* iffirmata mit-tabib biex jiffirmha. Is-Sur Farrugia irrifjuta li jiffirma l-NI 30 ghax ma accettax li l-appellanti korriet fuq ix-xoghol.

L-appellanti imxiet fuq parir tas-Sur Ivan Spiteri, *Executive Officer* Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg, li spjegalha li fin-nuqqas li jiffirmalha l-principal tista' tmur l-Ghassa tal-Pulizija u jiffermalha Pulizija. L-allegat korriment sehh fit-18 ta' Lulju 2000. Il-ligi tghid illi l-NI 30 trid tkunipprezentata sa ghaxar tijiem mid-data tal-korriment. F'dan il-kaz iz-zmien kien hafna aktar minn ghaxar tijiem. Irrizulta illi avolja kien hemm diskrepanza fil-granet skond il-ligi d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali accetta t-talba. Mix-xhieda tas-Sur Anton Cesare, Principal mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, irrizulta illi l-appellanti hadet is-somma ta' Lm4,556 bhala hlas ghall-korriment (*injury*) fuq ix-xoghol. Il-Bord Mediku iccertifikha li ghandha 5% dizabilita.

It-Tribunal innota wkoll illi waqt il-kors tal-kaz saru erba' attentati bejn l-appellanti u s-socjeta ghal tentattiv ta' ftehim bonarju. Dawn it-tentattivi kienu fir-raba' seduta

11/03/2002, fid-disa' seduta 05/05/2003, fl-ghaxar seduta 09/06/2003 u fit-tlettax-il seduta 17/11/2003.

Kif hija l-prassi tat-Tribunal f'kull bidu tal-kaz isir appell ghal ftehim bonarju. Ghalhekk dawn it-tentattivi t-Tribunal laqghahom bl-isperanza ghal soluzzjoni ta' ftehim responsabbli.

Fil-kaz dwar l-allegat korriment it-Tribunal jara illi l-appellanti giet accettata mid-Departiment tas-Servizzi Socjali u hadet il-kumpens mehtieg.

It-Tribunal htieglu jara jekk l-appellanti irrizenjatx mix-xoghol minn jeddha jew tkeccietx ingustament. Jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Mario Farrugia illi l-appellanti accettat dak kollu li kien ftihem maghha li tiehu s-*sick leave* kollu u tispicca fit-13 ta' Awissu 2000. Ghamillha c-*cheque* b'dak kollu dovut lilha inkluz *breakdown*. Ic-*cheque* issaraf fit-30 ta' Awissu 2000.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti evalwa x-xhieda kollha prodotta tal-kaz, ikkonsidra t-trattazzjoni u n-nota ta' osservazzjoni tal-partijiet. Jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi ma kienx hemm tkeccija mill-impieg peress illi l-appellanti accettat il-hlas kollu dovut lilha u li tispicca mill-impieg fit-13 ta' Awissu 2000.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**